MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Numru. 807/2004

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Darren Grima

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Darren Grima ta' 31 sena, iben Vincent u Anna nee' Falzon, imwieled Attard fis-16 ta' Awissu, 1976 u li joqghod 4, Doris Flats, Triq Minosa Street, Gwardamangia, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 493076M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'hanut bl-isem ta' 'Cellfone' li jinsab Merchants Street, Valletta fl-4 ta' Settembru 2004 u fil-granet u fix-

xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ accessorji ta’ telefon cellulari tad-ditta Nokia; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra bhal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-jew taht il-Ligi ta’ Malta (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta);

3. U aktar talli fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x’aktarx jithawwad ma trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak; (Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 72 (1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f’kaz ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbilit mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna li Darren Grima ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Settembru 2004 sabiex il-kaz jinstema bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat iddikjara fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2007 li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kaz tigi jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha hawn fuq riferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-15 ta' Marzu, 2007 fejn huwa ammetta l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap 9, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li qed issibu hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta ta' l-imputat, il-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fl-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 298 (1)(a), (b), (c) u (f), 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif minnu ammessi u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkometti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' sena.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti formalment esebiti fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------